Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 871/1999/1

**Anthony Mangion**

**Vs**

**Motherwell Bridge (Malta) Ltd u b'digriet tas-7 ta' Lulju 1999 giet ordnata korrezzjoni fl-att tac-citazzzjoni u kull fejn jirrikorru fis-sens illi fl-isem tas-socjeta' konvenuta wara l-kelma 'Bridge' jizdiedu l-kliem 'Industrial Services' u tigi kancellata l-kelma '(Malta)'.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi kien halla fil-yard tas-socjeta' konvenuta

“hull” ta’ “ocean going motor sailor” ta’ 42 pied u 14-il pied wiesgha tal-azzar ghall-sand blasting;

Premess illi s-socjeta’ konvenuta minhabba nuqqas ta’ attenzjoni u bl’ebda permess ta’ l-attur qabdet u qattghet u carrtet l-imsemmi “hull” waqt li kienet qed tesegwixxi l-inkarigu li kien taha l-attur;

Premess minhabba l-agir negligenti ghal kollox u llegali da parte tas-socjeta’ konvenuta l-attur sofra danni konsiderevoli li s-socjeta’ konvenuta, nonostante li giet interpellata ma waslitx biex thallsu

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

Talab li s-socjeta’ konvenuta tigi dikjarata minn dina l-Qorti responsabbli ghad-danni li sofra l-attur bid-distruzzjoni kompleta tal-imsemmi “hull”, propjeta tieghu;

ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti tillikwida l-imsemmija danni fil-kaz ta’ bzonn per opera ta’ perit nominandi;

ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti tghaddi biex tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata per opera tal-istess periti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali tas-26 ta’ Ottubru, 1998, 9 ta’ Novembru, 1998, 18 ta’ Frar, 1999 u 21 ta’ Mejju, 1999 u bl-imghax skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta** Motherwell Bridge (Malta) Ltd a fol. 9 tal-process fejn eccepiet:

Illi preliminarjament ma tezisti ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur stante li kwalsiasi ftehim sar mal-kumpanija Motherwell Bridge Industrial Services Limited.

Illi subordinatament, trid issir prova li l-attur kien il-propjetarju de quo tal-qafas tad-dghajsa in kwistjoni.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit il-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-artikolu 2153 tal-Kap 16.

Illi subordinatament, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-qafas gie abbandunat mill-attur fil-fabbrika tal-kumpanija konvenuta ghal diversi snin u b'hekk il-kumpanija konvenuta ma tistax tinzamm responsabbli ghal dak li gara.

Illi f'kaz li din il-Qorti jidhrilha li b'xi mod il-kumpanija konvenuta hija responsabbli ghandha ssir il-prova tal-valur tal-qafas li zgur ma jeccedix l-elf lira (Lm1,000).

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tas-socjeta' konvenuta Motherwell Bridge Industrial Services Limited a fol. 16 tal-process fejn eccepiet: :

Illi preliminarjament, trid issir prova li l-attur kien il-propjetarju de quo tal-qafas tad-dghajsa in kwistjoni.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit il-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-artikolu 2153 tal-Kap 16.

Illi subordinatament, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-qafas gie abbandunat mill-attur fil-fabbrika tal-kumpanija konvenuta ghal diversi snin u b'hekk l-kumpanija konvenuta ma tistax tinzamm responsabbli ghal dak li gara.

Illi f'kaz li din il-Qorti jidhrilha li b'xi mod il-kumpanija konvenuta hija responsabbli ghandha ssir il-prova tal-valur tal-qafas li zgur ma jeccedix l-elf lira (Lm1,000)

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Frar 2000 fejn is-socjeta’ konvenuta rtirat it-tieni eccezzjoni taghha a fol 9.

Rat is-sentenza tal-10 ta’ Ottubru 2001 fejn giet deciza l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta (fol 52 et seq).

Rat id-digriet tat-3 ta’ Dicembru 2001 a fol 59 fejn gie nominat bhala espert Paul Cardona biex jirrelata dwar il-valur tal-hull mertu tal-kawza.

Rat id-digriet tat-22 ta’ Jannar 2003 a fol 69 fejn gie sospiz l-inkarigu moghti lill-espert tekniku sakemm tigi deciza il-kwistjoni tar-responsabilita’.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Jannar 2003 fejn il-kawza giet differita’ ghall-llum ghas-sentenza dwar ir-responsabilita’.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet in kwantu jirrigwarda l-kwistjoni tar-responsabilita’.

Ikkunsidrat:-

**FATTI U KONTESTAZZJONI**

Illi mill-provi rrizulta li ghal habta ta’ Frar 1993 l-attur kien ikkonsenja ‘hull’ ta’ dghajsa lis-socjeta’ konvenuta sabiex isir xoghol ta’ ‘sandblasting’ u zebgha. Il-ftehim kien li l-attur kellu jaghmel ix-xoghol ta’ zebgha hu stess wara li jitlesta x-xoghol ta’ ‘sandblasting’. L-attur xehed li f’April 1993 huwa kien hallas lis-socjeta’ konvenuta tax-xoghol li kien sar sa dakinhar izda kien ghad jonqos li jsir xoghol fuq zewg ‘plates’ liema xoghol ma setghax jitkompla stante li s-socjeta’ konvenuta kellha xi problemi f’ sandblaster’ li ma kienx qed jahdem. Fil-1995 l-attur jghid li Victor Lanzon, li skond hu kien direttur tas-socjeta’ konvenuta dak iz-zmien, kien qallu li l-‘hull’ kien gie mressaq mal-genb u li ma kellux ghagla sabiex jiehdu. Meta l-attur mar fuq il-post huwa sab li x-xoghol kien ghadu ma tlestiex u kien intlahaq ftehim mas-socjeta’ konvenuta li l-‘hull’ jinzamm ghand is-socjeta’ konvenuta

minghajr kera ghal ‘storage’ . L-attur jghid ukoll li la Victor Lanzon u lanqas haddiehor mis-socjeta’ konvenuta ma qatt qallu sabiex jiehu lura l-‘yacht’. Fi Frar 1998 l-attur kien akkompanja lil persuna ta’ nazzjonalita’ Taljana fil-‘yard’ tas-socjeta’ konvenuta fejn kien jinsab il-‘hull’ sabiex dan ta’ l-ahhar jara d-dghajsa stante li kien interessat jixtriha. F’din l-okkazzjoni huwa kkonstata li d-dghajsa kellha hsara minima fis-sens li kien hemm pjanca maqsuma. Huwa kkonstata wkoll li x-xoghol kien ghadu ma tlestiex. F’Ottubru 1998 l-attur jghid li sar jaf li f’April ta’ l-istess sena li s-socjeta’ konvenuta kienet qattghet u ramiet il-‘hull. Huwa sar jaf dan meta mar jigbor id-‘dghajsa minghand is-socjeta’ konvenuta u gie nfurmat li l-‘hull’ kien tqatta’ u ntrema’. L-attur skopra li l-‘hull’ kien gie skrappjat ghand persuna f’Hompesch Street, il-Fgura u din il-persuna kienet qaltlu li meta l-‘hull’ gie konsenjat lilha dan kien kollu mghaffeg.

Illi s-socjeta’ konvenuta min-naha l-ohra tirritjeni li x-xoghol ordnat mill-attur kien ilu li tlesta minnha u li l-istess attur kien abbanduna l-hull u wara numru ta’ snin ttiehdet id-decizjoni li dan il-‘hull’ jigi skrappjat u mqatta’. Ghas-socjeta’ konvenuta xehed Joseph Zammit Pavia, li huwa l-‘financial controller’, u spjega li f’April 1993 l-attur kien ikkonsenja lis-socjeta’ konvenuta ‘hull’ ta’ dghajsa sabiex isir xoghol ta’ ‘sandblasting’ u zebgha. Huwa qal li x-xoghol kien sar u l-attur effettwa l-pagament relattiv permezz ta’ dollari izda l-attur qatt ma mar jigbor dan il-‘hull’ u abbandunah ghand is-socjeta’ konvenuta. Dan ix-xhud jghid li s-socjeta’ konvenuta pruvat tikkomunika mal-attur sabiex jiehu lura dan il-hull izda inutilment u ghalhekk fl-1996 dan l-oggett intefa’ mal-‘iscrap’ u sussegwentement gie mehud ma’ l-‘iscrap’. F’Ottubru 1998 is-socjeta’ konvenuta rceviet ittra minghand l-avukat difensur tal-attur fejn dan talab informazzjoni dwar il-‘hull’ in kwistjoni.

**KONSIDERAZZJONJIET**

Illi l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attur hija ferm aktar kredibbli anke ghaliex wiehed difficilment jifhem kif xi hadd li hallas ghal xoghol li jkun tlesta kompletament, kif qed

isostnu l-konvenuti, jiddeciedi li jabbanduna oggett ta' certu valur minghajr ma juri ebda nteress fih. Huwa ferm aktar plawzibbli li l-attur kien hallas tax-xoghol li sar u kien halla l-'hull' fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta sakemm jitlestew ix-xoghlijiet li kien jonqos.

Illi mill-fatti hawn fuq elenkati jirrizulta li r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet inizjalment kienet ta' appaltatur u wiehed li jaghti x-xoghol izda sussegwentement zviluppat f'wahda ta' depozitarju u depozitant.

L-artikolu 1891 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi li:

"Id-depozitu, in generali, huwa kuntratt li bih wiehed jircievi l-haga ta' haddiehor, bl-obbligu li jikkustodiha u li jroddha in natura".

L-Artikolu 1892 jipprovdi li d-depozitu huwa kuntratt gratuwitu, bla hsara ghal kull ftehim kuntrarju u li l-hwejjeg mobbli biss jistghu jkunu l-oggett ta' depozitu.

L-artikolu 1899 jistabbilixxi li d-depozitarju ghandu l-obbligu li jiehu hsieb il-haga li tkun fil-kustodja tieghu taht depozitu daqs kemm jiehu hsieb fil-kustodja ta' hwejjgu. Dan jimpllika li kuwa jrid jagixxi ta' bonus paterfamilias in kwantu jirrigwarda l-oggett fil-kustodja tieghu.

Fil-kaz odjern irrizulta li s-socjeta' konvenuta naqset minn dawn l-obbligi taghha ta' depozitarju. Hija ma gabet ebda prova li tindika li x-xoghol fuq il-'hull' effettivament kien tlesta. Joseph Zammit Pavia, li huwa l-financial controller tas-socjeta' konvenuta, wara li spjega li kien Victor Lanzon u mhux hu li kien jiehu hsieb l-ordnijiet ta' xoghol ta' 'sandblasting' u zebgha, jghid ukoll li:

"ix-xoghol komplut fuq il-hull ma rajtux imma qed nassumi li la hallas ix-xoghol kien lest."

L-uniku xhud iehor prodott mis-socjeta' konvenuta f'dan ir-rigward, u cioe' Victor Galea jghid li huwa direttur tas-

socjeta’ konvenuta u li jkun imsiefer hafna fuq xoghol u li ghalhekk certu dettalji ma kienx ikun jafhom –

“Dwar jekk il-hull garbitx il-hsara waqt li kienet ghandna, dettalji bhal dawn jien ma nkunx nafhom. Jien kont insiefer hafna ghal kumpanija, ma kontx inkun hemmhekk ghad-dettalji. Dan li xehedt jiena ghidtu fil-meetings li kien ikollna man-nies taghna li tawna l-informazzjoni. Dawn l-istess nies qaluli li konna thallasna tax-xoghol li konna ghamilna. Ahna konna niskrappjaw regolari darba fis-sena. Ma niftakarx li konna tkellimna f’xi meeting li ser niskrappjaw dan il-qafas partikolari”.

Inoltre dan l-ahhar xhud jghid li “ghalkemm konna qed naghmlu xoghol fuq il-hull, Mangion kien jigi.”

L-anqas ma ngabet prova li s-socjeta’ konvenuta b’xi mod ippruvat tikkonsenja lura lill-attur l-oggett li kien depozitat ghandha qabel ma hija arbitrarjament iddecidiet li tiddisponi minnu billi tiskrappjah. Victor Galea u Joseph Zammit Pavia jaccennaw li sar xi tentattiv da parti tas-socjeta’ konvenuta tramite Victor Lanzon sabiex jikkomunikaw ma l-attur izda ma ngabet ebda prova tangibli u konklussiva f’dan is-sens. Skond Victor Galea l-attur kien imur ghandhom.

Jidher ghalhekk li s-socjeta’ konvenuta naqset mill-obbligu taghha ta’ depozitarju u cioe’ dak li trodd lura l-oggett depozitat in natura u anki mill-obbligu li tiehu hsieb l-oggett depozitat fil-kura taghha daqs li kieku kien taghha meta hija unilateralment hadet id-decizjoni li tiddisponi mill-‘hull’ propjeta’ ta’ l-attur billi tqattghu u tiskrappjah.

Anki jekk wiehed kellu jacetta l-verzjoni tas-socjeta’ konvenuta fis-sens li hija pruvat tikkomunika mal-attur izda ma rnexxiliex, hija xorta ghandha titqies li naqset mill-obbligu taghha ta’ depozitarju stante li una volta li hija xtaqet unilateralment tittermina ir-relazzjoni guridika ezistenti bejn il-partijiet, hija kellha tiddepozita l-oggett mholli mill-attur fil-kustodja taghha taht l-awtorita’ tal-Qorti sabiex tigi ezentata mill-obbligu minnha assunt fil-konfront

ta’ l-attur u mhux taqbad u tiddisponi mill-oggett billi tiddistruggih, kif fil-fatt ghamlet.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi li
s-socjeta’ konvenuta ghandha titqies unikament responsabbli ghad-danni soferti mill-attur bhala konsegwenza tal-agir taghha.
U tiddifferixxi l-kawza ghall kontinwazzjoni tal-provi dwar it-tieni u tielet talba ta’ l-attur**.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------